**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tad-9 ta' Ġunju 2022 – Unie van Professionele Transporteurs en Logistieke Ondernemers (UPTR) vs Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-603/21 P)** ([1])

***("Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Trasport – Regolament (UE) 2020/1055 – Aċċess għas-suq tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq – Kabotaġġ – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Kundizzjoni li r-rikorrent għandu jkun ikkonċernat individwalment – Assoċjazzjoni professjonali – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat")***

(2022/C 368/13)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Unie van Professionele Transporteurs en Logistieke Ondernemers (UPTR) (rappreżentant: F. Vanden Bogaerde, advocaat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: I. Anagnostopoulou u R. van de Westelaken, aġenti), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Emmerechts, A. Norberg u L. Vétillard, aġenti)

**Dispożittiv**

1. L-appell huwa miċħud bħala, parzjalment, manifestament inammissibbli u, parzjalment, manifestament infondat.

2. Unie van Professionele Transporteurs en Logistieke Ondernemers (UPTR) hija kkundannata għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 513, 20.12.2021.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-2 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Alba Iulia – ir-Rumanija) – S.H. vs Administrația Județeană a Finanțelor Publice Sibiu, Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Brașov**

**(Kawża C-627/21)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa relatata mal-akkwist, il-kostruzzjoni u t-trasformazzjoni ta' proprjetajiet immobbli – Annullament ex officio tar-reġistrazzjoni għall-VAT ta' persuna taxxabbli – Aġġustament tat-tnaqqis inizjali – Risposta għad-domanda preliminari li tista' tiġi dedotta b'mod ċar mill-ġurisprudenza)***

(2022/C 368/14)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Alba Iulia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* S.H.

*Konvenuti:* Administrația Județeană a Finanțelor Publice Sibiu, Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Brașov